MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1497/2001/1

**Awtorita' Marittima ta' Malta**

**Vs**

**Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Luisa Tufigno li b'digriet tas-27 ta' Settembru, 2001 inhatru bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-barrani Georgios Skandalos**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-Awtorita' Marittima ta' Malta hija kreditrici tal-bastiment MV Ideal li kien jappartjeni lill-konvenut Georgios Skandalos fl-ammont ta' sittax-il elf, seba' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u disgha u tletin centezmu

(Lm16,785.39) dovuta bhala *port dues, port charges* u *pilotage fees* skond *statements* annessi bhala Dok A u Dok B.

Premess illi l-istess bastiment inbiegh permezz ta' bejgh b'subasta fid-9 ta' Gunju, 1999 fuq talba ta' kredituri ohra tal-istess bastiment u rrealizza s-somma ta' tnejn u hamsin elf, tlett mija u hames liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm52,305.46), liema somma tinsab depositata l-Qorti.

Premess illi gja' la darba l-bastiment jinsab mibjugh, il-kawza odjerna kellha sssir kontra s-sid tal-istess bastiment;

Premess illi l-Awtorita' attrici talbet diversi drabi lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ammont dovut;

Ghaldaqstant l-Awtorita' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tikkundanna lill-konvenut bhala s-sid precedenti tal-bastiment MV Ideal ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' sittax-il elf, seba mija u hamsa u tmenin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm16,785.39) dovuta bhala *port dues, port charges* u *pilotage fees*.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-dati tal-*invoices* relattivi sal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-Awtorita' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 26 tal-process fejn eccepew:

Illi b'digriet tas-27 ta' Settembru, 2001 huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Georgios Skandalos;

Illi huma m'ghandhomx mezz kif jikkomunikaw mal-persuna minnhom rapprezentata u ghalhekk m'humiex edotti mill-fatt tal-kaz odjern.

Illi ghalkemm il-bastiment in kwistjoni nbiegh, Georgios Skandalos m'huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza;

Illi huma jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti

Semghet lill  Ian Muscat bil-gurament;

Rat in-nota a fol. 38;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Mix-xhieda prodotta jirrizulta li l-ammont mitlub fic-citazzjoni hu dovut ghall *port dues, port charges* u *pilotage fees*. Dana l-ammont ghadu dovut u ma gie bl-ebda mod kontestat.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi
tilqa' t-talba attrici u
tikkundanna lill-konvenut bhala s-sid precedenti tal-bastiment MV Ideal ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' sittax-il elf, seba' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm16,785.39) dovuta bhala *port dues, port charges* u *pilotage fees*.

Bl-imghax kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------